StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 2

## IR-RABA' SENA　　IL-MALTI　　IL-ĦIN: SAGĦTEJN

**L-Isem :** ________________________　　**Il-Klassi :** ___________________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Il-Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:



Twelidt u trabbejt fi ħdan familja kbira fir-raħal tal-Għarb. Konna erbatax b'kollox, il-ġenituri, sebat ibniet u ħames subien. Jien kont l-aħħar tifla u ta' qabel l-iżgħar tal-familja, li kien tifel. Ommi mietet qasir il-għomor. Lili ħallietni ta' disa' snin. Konna miftumin mill-imħabba tal-omm imma ma naqsitniex l-imħabba tal-missier. *(par. 1)*

Dak iż-żmien ma konniex noħolmu bit-televixin. Ġod-dar konna noqogħdu mill-anqas, darba fill, biex ngħinu f'xi faċenda lil oħtna l-kbira, li kienet imliet il-vojt li ħalliet ommi. Lanqas għall-ikel ma konna noqogħdu wisq. Forsi konna nniżżlu xi platt minestra bil-ħatfa, nidilku mal-ħobż ftit kunserva tat-tadam (li missieri kien jistinka jnixxef fuq is-setaħ taħt ix-xemx tisreġ tas-sajf), b'qatra jew tnejn żejt, werqa ħadra tal-basla, u erħilna mmaxtru f'nofs triq quddiem id-dar u nilagħbu mat-tfal ġirien tagħna. *(par. 2)*

Konna ninfexxu nilagħbu, niġru 'l hawn u 'l hemm, naqbżu l-ħabel, niżfnu fuq sieq waħda fiċ-ċrieki mmarkati fl-art biex niġbru ċ-ċappella, nilagħbu ż-żibeġ jew il-lewż waqt li s-subien jilagħbu l-fatta bil-boċċi u l-ġakkijiet. Konna nilagħbu wkoll dawra durella, inġiji, inġijo, inġella, ta' mistoħbija jew noli, u logħob ieħor li t-tfal tal-lum m'għandhomx ħjiel tiegħu. *(par. 3)*

(addattament minn kitba ta' Salvina Grech Xerri li dehret f' *Iż-Żifna ta' Żmienhom*)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Liema minn dawn hu l-aktar titlu addattat għas-silta? Agħmel sinjal taħtu.

   Il-familja tagħna; Tifkiriet ta' meta kont żgħira; Logħob fit-tfulija. (marka)

2. Liema hu r-raħal li fih għexet fi tfulitha l-awtriċi tas-silta?

   ______________________________ (marka)

3. Minn min infirdet ta' età żgħira u kemm kellha żmien meta nfirdet?

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

4. Min kien ħa l-post tal-omm għall-faċendi fid-dar?

   ______________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. X'kienu jieklu ?

_______________________________________________ (2 marki)

6. It-tfal kif kienu jqattgħu l-maġġoranza tal-ħin tagħhom?

_______________________________________________ (marka)

7. Ikteb żewġ tipi ta' logħob li jissemmew fis-silta.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA

1. Imla l-vojt bil-**konġunzjoni** t-tajba mil-lista ta' taħt bħal fl-eżempju. (5 marki)

Trid li inti ma taqax lura ____________ fl-istess ħin tagħmel użu tajjeb mill-vaganzi tas-sajf li jinsabu ____________ l-bieb? Trid li inti ____________ tissieħeb fl-avventura tal-kompjuter u ___________ ma tibqax 'il bogħod mid-dinja tal-informatika? ____________ qis li tapplika għal xi wieħed mill-korsijiet organizzati mill-iskola dan is-sajf.

| wara | għalhekk | u | **li** | mela | wkoll |
|---|---|---|---|---|---|

2. Imla l-vojt b'**avverbju** skont l-għerq / il-kelma fil-parentesi bħal fl-eżempju. (3 marki)

i. Dejjem tiegħek, Becky. (d-w-m)

ii. ______________________ m'hawnx nies. (h-w-n)

iii. Inżilna______________________. (il-kontra ta' 'l fuq)

iv. Morna______________________. (il-kontra ta' 'l quddiem)

3. Nissel **2 kelmiet** oħra mill-kelma mogħtija bħal fl-eżempju. (2 marki)

negozjabbli: negozju, negozjar

kummerċjabbli: ____________________________, ____________________________

4. Aqleb għall-**Passiv** bħal fl-eżempju. (2 marki)

i. Messi qassam il-ballun. Il-ballun tqassam minn Messi.

ii. Il-preżentatur introduċa lill-kantanta Rihanna.

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

iii. Marija stiednet lil Ruth għall-festa.

______________________________________________

**ANALIŻI TESTWALI**

5. Immarka t-tajba: *darba fill (par. 2)* tfisser:
(a) kuljum ___; (b) ta' sikwit ___; (ċ) darba kultant ___. (marka)

6. *logħob ieħor li t-tfal tal-lum m'għandhomx ħjiel tiegħu. (par. 3)* Għal xiex qed tirreferi l-parti b'sinjal taħtha? _______________ (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Minflok il-kelma **miftumin** *(par. 1)* nistgħu niktbu _____________________ (marka)

8. Sib minn paragrafu 3 l-kelma li tfisser **idea**. _____________________ (marka)

**SINTASSI**

9. Erġa' ikteb is-sentenza li ġejja, din id-darba bil-**punteġġjatura** f'postha. (4 marki)

sur mark mifsud meta taħseb li se tasal wasla sal-uffiċċju qal is-Surmast lill-għalliem

______________________________________________

______________________________________________

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

Qabbel it-tifsiriet li hemm f'Kolonna A mal-idjomi jew qwiel f'Kolonna B bħal fl-eżempju:

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Miet | | Saqajh mal-art. |
| 2 | Aħjar tonfoq il-flus fuq l-ikel milli fil-mediċini. | | Is-saħħa m'hemmx prezzha. |
| 3 | Bniedem b'xortih tajba. | **1** | Mar id-dinja l-oħra. |
| 4 | Min hu b'saħħtu għandu kollox. | | Twieled taħt stilla tajba. |
| 5 | Jaf x'inhu jagħmel. | | Aħjar bl-aptit inkella bit-tabib. |

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel **wieħed** minn (a) u (b) u ikteb madwar **60** kelma.

(a) Ikteb **rapport** għal gazzetta dwar pulizija li ġie mfaħħar għal att ta' kuraġġ li wettaq u li permezz tiegħu salva l-ħajja ta' turist li sab ruħu f'diffikultà waqt li kien qiegħed jgħum.

***JEW***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(b) Iddeskrivi post tajjeb għat-turisti f'Malta jew f'Għawdex. Dak li se tikteb se jiġi mda
fi *brochure* tat-turisti.

| **E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI** | (8 marki) |
|---|---|

Ikteb madwar **60** kelma fuq **wieħed** mis-suġġetti li għamilt tiftix dwaru fil-proġett **L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija**.

| **F. LETTERATURA** | (30 marka) |
|---|---|

**(i) L-ISQAQ / ANESTESIJA**

1. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (5 marki)

i. Ir-rumanz **L-Isqaq** hu wieħed (romantiku, umoristiku, realistiku).

ii. Il-karattru prinċipali jismu (Mario, Stejfen, Samwel).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

iii. (Romilda, Lugrez, Rita) kienet il-mara li serqet qalb Stejfen.

iv. F'dan ir-rumanz naqraw dwar il-ħajja fis-seklu (19, 20, 21).

v. **L-Isqaq** hu miktub (fit-tieni / fl-ewwel / fit-tielet ) persuna.

2. Kompli s-sentenzi bi tweġibiet xierqa. (5 marki)

i. **Anestesija** hu dramm ______________________________________________.

ii. Fil-bidu tad-dramm jasal iċ-_______________________________________________.

iii. Il-buffu taċ-ċirklu kien jismu ________________________________________.

iv. It-tifel fid-dramm jirrappreżenta lill-___________________________________.

v. It-tmiem tad-dramm hu wieħed _________________________________________.

**(ii) QAWSALLA – REFERENZA GĦALL-KUNTEST**

Aqra sew din il-poeżija ta' Philip Sciberras u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Sentiment

*Lil binti Lara*

Ibki binti,
ħa nerfgħek u nħaddnek
u ngħannqek u nfissdek,
immellsek u nbennek.

Ibki binti,
biex tfisser trid tiekol
u tixrob,
u tilgħab bil-pupa
jew tgħidli qed tibża'
mid-dlam u mill-ġganti.

Għad tikber u tibki dmugħ ieħor
ta' waħx u ta' diqa
fis-skiet ta' dinjietek

bla ħadd min ifarrġek
u jħaddnek u jgħannqek
u jmellsek u jbennek.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

1. Lil min hi indirizzata l-poeżija?

______________________________________________________________________ (marka)

2. X'qiegħed jitlobha tagħmel il-poeta lil bintu?

______________________________________________________________________ (marka)

3. Ikteb eżempju ta' **anafora** mill-aħħar strofa.

______________________________________________________________________ (marka)

4. *Għad tikber u tibki dmugħ ieħor* (v. 11) hi:
   (a) personifikazzjoni ____ (b) metafora ____ (ċ) similitudni ____ (marka)

5. X'taħseb li jrid ifisser bil-frażi *tibki dmugħ ieħor* (v. 11)?

______________________________________________________________________ (marka)

6. Fisser kif din il-poeżija għandha tagħmel parti mit-tema **Ir-Rispett fil-Familja**.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3 marki)

**(iii) QAWSALLA – KOMPONIMENT LETTERARJU**

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **100** kelma. (12-il marka)

(a) Fit-tema **Il-Protesta** naqraw li l-ambjent naturali ta' madwarna m'aħniex nieħdu ħsiebu kif jixraq. Ikkummenta billi tirreferi għal mill-inqas żewġ kitbiet (poeżiji u/jew siltiet ta' proża).

***JEW***

(b) Ikkummenta billi tirreferi għal mill-inqas żewġ kitbiet (poeżiji u/jew siltiet ta' proża) mit-tema **Ir-Rispett fil-Familja** li fihom joħroġ ir-rispett bejn il-ġenituri u l-ulied.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata.

1. Kemm kienet xemx dakinhar!
2. Il-futur tiegħi
3. Ċertu xogħol hu addattat għan-nisa biss. Taqbel?
4. Passiġġata ma' ħabib/a
5. In-namra tiegħi
6. Ħwejjeġ li jdejquni

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers